MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2009

Numru. 494/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marisa Camilleri)**

**Vs**
**Silvan Briffa ta’ 19-il sena bin Paul u Gawdenza nee’ Seguna mwieled Pieta’ fil-31 ta’ Ottubru 1987 u residenti 228 Holy Mary Triq San Edwardu, Qormi numru tal-karta ta’l-identita 492087(M)**

**George John Briffa ta’ 28 sena bin Paul u Gawdenza nee’ Seguna mwieled Attard fit-8 ta’ Marzu 1979 u residenti 228, Holy Mary, Triq San Edwardu, Qormi numru tal-karta ta’l-identita’ 157679(M)**

**Paul Briffa ta’ 58 sena bin George u Angela nee’ Debattista mwieled Qormi fid-9 ta’ April 1949 u residenti 228, Holy Mary, Triq San Edwardu, Qormi, numru tal-karta ta’l-identita’ 343449(M)**

**Carmen Seychell ta’ 25 sena bint Paul Briffa u Gawdenza nee’ Seguna mwielda Pieta’ fit-12 ta’ Jannar 1982 u residenti 228, Holy Mary, Triq San Edwardu, Qormi numru tal-karta ta’l-identita’ 69382(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Silvan Briffa, George John Briffa, Paul Briffa u Carmen Seychell akkuzati talli:

1. fl-1 ta’ Jannar 2007 f’xi hin wara nofs in-nhar volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn Lm50 izda ghal valur ta’ inqas minn Lm500 meta ghamlu hsara volontarja fuq il-bieb ta’ barra tal-fond 110 Triq l-Isqof Scicluna, Qormi ghad-detriment ta’ Joseph Seychell u l-familja tieghu.

2. ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi heddew bil kliem lil membri tal-familja Seychell

3. ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qalu kliem oxxen u indicenti li jikkonsisti f’dagha fil-pubbliku

4. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirksotanzi volontarjament kissru l-paci pubblika b’ghajjat u glied.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali tat-8 ta’ Gunju 2007 sabiex dana il-kaz jigi itrattata bil-procedura sommarja.

Rat l-atti kollha tal-kawza

Semghet il-provi u it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

Illi minn ezami ta’l-atti processwali jirrizulta illi jezisti disgwid bejn il-familja Briffa u cioe’ il-familja ta’l-akkuzati u

il-familja Seychell u cioe' il-parti leza minhabba xi problemi matrimonjali li hemm bejn Carmen Seychell u cioe' wahda mill-imputati bint l-imputat l-iehor Pawlu Briffa, u Antoine Seychell iben il-parti leza Joseph Seychell. Jidher illi f'jum l-ewwel tas-sena tas-sena 2007, l-imputati flimkien ma' persuna ohra bl-isem ta' Melvin, marru wara l-bieb ta' barra tal-familja Seychell fejn sehh xi argument. Mix-xhieda ta' Joseph Seychell jidher illi hekk kif wasal ibnu lura id-dar, beda jisma' hafna ghajjat u storbju u ghalhekk huma dahhlu 'il gewwa u ghalqu il-bieb. Huwa beda jisma' hoss ta' tisbit wara l-bieb ta barra u ghalhekk tela' jittawwal ghal barra u ighid li ra lil George u Salvu Birffa flimkien ma' persuna ohra b'isem Melvin qeghdin ihabbtu b'xi oggetti mal-bieb ta' barra. Lill-imputat Pawlu Briffa huwa ighid li rah fil-vann tieghu, filwaqt li ighid illi Carmen Seychell ma kenitx qed thabbat fuq il-bieb ta' barra. B'konsegwenza ta' dana, il-bieb ta' barra tar-residenza tieghu spicca bil-hsara li tidher fuq sett ritratti illi huwa ezebixxa bhala Dokument SB13. Ighid illi dana il-bieb ta' barra huwa wiehed antik u li ghalhekk ma setax jissewwa u li hemm bzonn li isir bieb ta' barra gdid. Min-naha tieghu Antoine Seychell, iben Joseph, jikkontendi illi ghalkemm huwa beda jaghraf l-ilhna ta'l-imputati minn gewwa, madanakollu huwa baqa' il-hin kollu wara l-bieb ta' barra u ghalhekk ma jistax ighid min mill-imputati kien qieghed isabbat mal-bieb ta' barra. Huwa jikkontendi ukoll illi sema' lil Pawlu Briffa u lil Carmen Seychell ighajjruh. Il-kuntistabbli 1316 Peter Agius li gie imsejjah fuq il-post ighid illi meta wasal fuq il-post sema hafna ghajjat u storbju u nizzel il-familja Briffa lejn l-ghassa tal-pulizija, pero' ighid illi ma jafx min kien qieghed ighajjat u jaghmel l-istorbju u li ma kienx f'posizzjoni igharaf lill-imputati bhala n-nies illi dak in-nhar kienu qed jaghmlu l-istorbju fit-triq. Ighid ukoll illi huwa ma osserva l-ebda hsara f'xi bieb ta' barra.

Illi l-istimi li gew esebieti mill-parti leza u cioe' id-Dokumenti SB10, SB11, u SB12 huma it-tlieta stimi sabiex isir bieb ta' barra gdid. Huma biss tnejn minn dawn l-istimi li gew ikkonfermati u cioe' id-Dokumenti SB10 u l-SB12 mill-persuna li ghamlithom. Dawn iz-zewg xhieda u cioe' kemm Francis Micallef kif ukoll Raymond Formosa

issostnu illi huma qatt ma raw il-bieb ta’ barra in kwistjoni, izda ghamlu biss stima ghal bieb ta’ barra gdid abbazi tal-qisien li gew mghoddija lilhom mill-klijent. Illi lanqas il-persuna li hadet ir-ritratti, esebiti a fol.40 tal-process ma ingiebet bhala xhud fil-kawza u lanqas jirrizulta f’liema perijodu ta’ zmien gew mehuda dawn l-istess ritratti.

Ikkunsidrat,

Illi ghar-rigward ta’l-ewwel akkuza dwar il-hsara volontarja ghalhekk, mill-provi migjuba irrizulta illi kienu biss l-imputati George u Silvan Briffa flimkien ma’ persuna ohra bl-isem ta’ Melvin, li madankollu ma huwiex akkuzat f’dawn il-proceduri, illi bdew isabbtu mal-bieb ta’ barra tal-parti leza. B’konsegwenza ta’ dana it-tisbit jidher illi dana il-bieb sehhlu xi hsara. Madankollu, l-prosekuzzjoni ma irnexxiliex tipprova x’kienet il-hsara ikkaggjonata f’dana il-bieb, ghajr ghal xi ritratti li gew esbiti u li ma gewx ikkonfermati. Lanqas ma gie stabbilit jekk il-hsara li tidher f’dawn ir-ritratti hijiex il-hsara kagjonat f’dana l-incident jew kenitx xi hsara li ghandu l-bieb minhabba li huwa bieb antik u mhux b’sahhtu. Illi minn imkien mill-provi ma jirrizulta illi z-zewg imputati l-ohra u cioe’ Paul Briffa u Carmen Seychell b’xi mod messew dana il-bieb jew ikkagunaw xi hsara fih.

Illi ghar-rigward ta’l-akkuzi l-ohra ta’ natura kontravvenzjonali ghandu jnghad, illi mix-xhieda kemm ta’ Joseph kif ukoll ta’ Antoine Seychell ma irrizultax illi xi hadd mill-imputati kien qieghed ighid xi kliem oxxen jew indicenti konsistenti f’dagha. Kif lanqas ma irrizulta illi xi hadd mill-imputati heddew bil-kliem lil xi membru tal-familja Seychell. Madanakollu gie ippruvat illi l-imputati kienu qed ighajjtu u jaghmlu storbju shih hekk kif johrog mix-xhieda tal-parti leza, kif korroborata ukoll mix-xhieda tal-kuntistabbli 1316 li gie imsejjah fuq il-post. Fil-fatt ghalkemm il-kuntistabbli ma kienx f’posizzjoni jidentifika in-nies li dak in-nhar bdew jaghmlu l-istorbju, madanakollu, huwa jikkonferma illi meta wasal huwa sema hafna ghajjat u storbju u ghalhekk nizzel il-familja Briffa lejn l-ghassa tal-pulizija.

Ghalhekk fid-dawl tal-provi hawn fuq prodotti, il-Qorti hija tal-fehma illi l-prosekuzzjoni ma irnexxiliex tipprova sal-grad rikjest mil-ligi illi l-imputati ghamlu xi hsara volontarja fuq il-bieb ta’ barra ta’l-parti leza. Kif lanqas ma irnexxielha il-prosekuzzjoni tipprova sodisfacentement it-tieni u it-tielet akkuzi kontravvenzjonali ghar-ragunijiet hawn fuq esposti.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li tillibera lill-imputati mill-ewwel, it-tieni, u it-tielet akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, issibhom hatja tar-raba akkuza u tikkundannhom ihallsu ammenda kull wiehed ta’ €25.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------